MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011

Numru. 77/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Marlon Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Marlon Zahra, 29 sena, bin Joseph u Mary nee’ Dimech imwieled Pieta’ nhar l-10 ta’ Awwissu, 1981 u residenti fil-fond numru 75, Triq San Filipu, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 454381(M) li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-06 ta Marzu, 2011, u matul l-ahhar sena

ta’ qabel, gewwa Triq it-Trux, Gharb, ghal habta ta’ s-saghtejn u nofs ta filghodu, u fi bnadi ohra f’hinijiet differenti:

a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) u (d) tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta’ dan il-kaz ;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess;

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni, fuq naha, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u, fuq in-naha l-ohra, l-fedina penali tal-istess imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8 (a) u (d), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolamenti 8 u 9 tal-G.N. 292/1939 u Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' seba' (7) xhur prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal sentejn.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza li tinsab fid-dokument “JM” u tordna lill-Prosekuzzjoni sabiex taghmel dan.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------